

*Parti oħra fil-proċedura:* National Lottery Commission

### Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza appellata,

— tikkundanna lil National Lottery Commission (rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali) għall-ispejjeż sostnuti mill-UASI.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-Uffiċċju jinvoka tliet aggravji, partikolarment (i) il-ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja (<sup>1</sup>), (ii) il-ksur tad-dritt għal smigħ tal-UASI u (iii) l-inkonsistenza manifesta u l-iżnaturament tal-fatti li jaffettwaw is-sentenza appellata.

L-ewwel aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 76(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja u l-premessa 37 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 (<sup>2</sup>) fis-sentenza Elio Fiorucci, sa fejn hija bbażat ruħha fuq dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 2704 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li ma kienx ġie invokat mill-partijiet u li għalhekk ma kienx jifforma parti mill-każ imressaq quddiem il-Bord tal-Appell. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 76(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja sa fejn hija bbażat ruħha fuq ġurisprudenza nazzjonali, jiġifieri s-sentenza msemmija iktar 'il fuq Nru 13912, tal-14 ta' Ġunju 2007, tal-Corte Suprema di Cassazione li jsir riferiment għaliha fil-punt 32 tas-sentenza appellata, li ma ġietx invokata mill-partijiet u li ma kinitx tiffirma parti mill-każ imressaq quddiem il-Bord tal-Appell.

It-tieni aggravju jikkonċerna l-ksur tad-dritt għal smigħ tal-UASI, sa fejn l-UASI ma ingħatax l-opportunità li jittratta dwar aspetti proċedurali u sostantivi li jirrigwardjaw id-digriet tal-Corte Suprema di Cassazione. Li kieku l-UASI ngħata din l-opportunità, ma jistax ikun eskluż li r-raġunament u l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali kienu jkun differenti.

It-tielet aggravju jikkonċerna l-inkonsistenza manifesta u l-iżnaturament tal-fatti li jaffettwaw ir-raġunament u l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali. L-UASI josserva li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin u żnaturat l-analiżi tal-Bord tal-Appell kif ukoll l-argumenti tan-National Lottery Commission stess u naqset milli tiġi inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Bord tal-Appell applika n-norma ġuridika korretta, skont il-liġi Taljana, billi sab li n-National

Lottery Commission ma pproduċietx prova li d-data tal-bolla tal-uffiċċju postali mwaħħla mal-ftehim tal-1986 ma kinitx konklussiva.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja ĠU L 78, p. 1

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189

### Rikors ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-532/12)

(2013/C 26/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch, O. Beynet, A. Tokár, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

### Talbiet

— tikkonstata li billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jittrasponi d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE (<sup>1</sup>) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 72(1) tal-imsemmija direttiva;

— timponi fuq il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, il-pagament ta' penalità li tammonta għal EUR 8 320 kuljum mid-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE skada fil-21 ta' Awwissu 2011.

<sup>(1)</sup> ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76